PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/2026(BUD)

2.9.2008

EMENDI
1 - 4

Abbozz ta' opinjoni
Bárbara Dührkop Dührkop
(PE409.721v01-00)

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009
(C6-0000/2008 - 2008/2026(BUD))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Henrik Lax

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sit tal-internet komuni għall-viża Schengen sabiex tkompli tiġi appoġġjata l-applikazzjoni tal-politika ta' viża komuni; Dan is-sit tal-internet għandu jappoġġja wkoll l-immaniġġjar tal-proċedura tal-viża;

Or. en

Emenda 2
Panayiotis Demetriou, Ewa Klamt, Stavros Lambrinidis

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
7. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2008 dwar Persuni Nieqsa f'Ċipru[1] *il-Parlament* appoġġja l-allokazzjoni ta' aktar *appoġġ finanzjarju* lill-Kumitat dwar il-Persuni Nieqsa (CMP) għas-snin mill-2009 *'il* quddiem; jistieden lill-Kunsill biex jaqbel dwar din l-għajnuna finanzjarja ulterjuri għall-2009 u jistieden lill-Kummissjoni mhux biss biex tkompli x-xogħol, iżda wkoll biex iżżid il-kapaċità, (b'mod partikolari fuq il-post), sabiex jitqabbdu aktar xjentisti u jiġi ffinanzjat aktar tagħmir.	7. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2008 dwar Persuni Nieqsa f'Ċipru[1] *l-Parlament* appoġġja l-allokazzjoni ta' aktar *għajnuna finanzjarja* lill-Kumitat dwar il-Persuni Nieqsa (CMP) għas-snin mill-2009 *'l* quddiem; jistieden lill-Kunsill biex jaqbel dwar din l-għajnuna finanzjarja ulterjuri ***ta' EUR 2 miljuni*** għall-2009***, kif mitlub speċifikament fir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq,*** u jistieden lill-Kummissjoni mhux biss biex tkompli x-xogħol, iżda wkoll biex iżżid il-kapaċità, (b'mod partikolari fuq il-post), sabiex jitqabbdu aktar xjentisti u jiġi ffinanzjat aktar tagħmir***;***

Or. en

Emenda 3
Bárbara Dührkop Dührkop

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	7a. Jitlob lill-Kummissjoni biex fis-sezzjoni tal-azzjonijiet Komunitarji tal-programmi ta' ħidma tal-2009 tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati u tal-Fond għar-Ritorn tinkludi l-kompilazzjoni tad-dejta għall-kollaborazzjoni u għall-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-edukaturi tal-minorenni fiċ-Ċentri ta' Dentenzjoni Magħluqa għall-persuni li jkunu qed ifittxu aż il u l-immigranti;

Or. en

Emenda 4
Bárbara Dührkop Dührkop

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	7b. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel użu mill-ammonti addizzjonali mogħtija lill-Fond Ewropew għar-Refuġjati sabiex jiġu identifikati u promossi miżuri speċifiċi meħtieġa għall-intensifikazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-addattament u l-għixien f'post ġdid; jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-prijoritajiet speċifiċi marbuta mal-attivitajiet relatati mal-addattament u l-għixien f'post ġdid permezz tal-approprazzjoni addizzjonali mogħtija.

Or. en